MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NATASHA GALEA SCIBERRAS**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2013

Numru. 13/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**Alexander Anthony Gialanze Whiteford**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Alexander Anthony Gialanze Whiteford ta’ 29 sena, bin Alex u Carmen xebba Gialanze, imwieled l-Ingilterra nhar id-29 ta’ Novembru 1982, prezentement residenti fil-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 44501L;

Akkuzat talli nhar is-17 ta’ Gunju 2009, ghall-habta tat-tmienja u nofs ta’ filghaxija (20:30hrs) fil-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin, u f’dawn il-gzejjer:

1) Kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala persuna li mhux impjegata fil-habs Facilita` Korrettiva ta' Kordin, minghajr l-awtorita` legittima, dahhlet jew ppruvat iddahhal f'xi parti tal-konfini ta' Habs xi oggett li hu pprojbit skond xi regolamenti maghmula skond dan l-Att, jew garr jew ipprova jgorr xi oggett bhal dawk barra mill-habs;

3) U aktar talli kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 moghti lilu mill-Qorti tal-Magistrati Malta fil-11 ta' Frar 2008 mill-Magistrat Dr. L. Quintano LL.D., billi wettaq reat fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

4) U aktar talli b'hekk sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' sejbien ta' htija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna li jithallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9, sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat illi waqt l-ezami tieghu ai termini tal-Artikoli 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat wiegeb illi ma kellux oggezzjoni illi l-kawza tieghu tigi trattata bi procedurja sommarja, kif ukoll illi huwa hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha l-wahda, l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, u illi skond id-difiza, jidher illi l-imputat irrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga. Il-prosekuzzjoni f'dan ir-rigward issottomettiet illi minn dakinhar li fih sehhew ir-reati in

kwistjoni, l-imputat qatt ma rega' gie investigat mill-pulizija in konnessjoni ma' pussess ta' droga.

Illi min-naha l-ohra, il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fedina penali tal-istess imputat li hija wahda ferm refrattarja, tant li tikkonsisti minn ben tnejn u ghoxrin faccata u tinkludi kundanni relatati ma' diversi reati, fosthom varji kundanni dwar serq u anke dwar pussess semplici ta' droga. Mill-istess fedina penali jirrizulta wkoll illi l-imputat gie kkundannat diversi drabi ghal piena ta' prigunerija effettiva. Jidher madankollu illi l-imputat baqa' ma tghallimx mill-izbalji tieghu u ghazel illi jippersisti fit-triq il-hazina li huwa qabad u rega' ghal darb'ohra xellef difrejh mal-gustizzja. Il-Qorti kkunsidrat ghalhekk illi l-imputat huwa recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta (izda mhux ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghaliex l-imputat m'huwiex qieghed jigi akkuzat u misjub hati ta' serq f'dan il-kaz).

Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi permezz ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, fil-11 ta' Frar 2008, l-imputat gie illiberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tmintax-il xahar mid-data ta' dik is-sentenza, liema kondizzjoni huwa kiser meta kkommetta r-reati odjerni fis-17 ta' Gunju 2009. Ghalhekk il-Qorti sejra titratta mal-imputat dwar ir-reati li huwa kien instab hati taghhom permezz tas-sentenza hawn imsemmija.

Il-Qorti qieset illi ghandha tapplika fil-konfront tal-imputat id-disposizzjoni tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante illi l-imputat kien prigunier meta kkommetta r-reati in kwistjoni. Il-Qorti qeghda ghalhekk izzid il-piena bi grad.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 7(2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta, l-

Artikolu 23 tal-Kap. 446, l-Artikoli 17(b) u (f), 31, 33A, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha, izda fir-rigward tar-raba’ imputazzjoni ossia dik tar-recidiva, ssibu hati biss ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9, izda mhux ai termini tal-Artikolu 289 tal-istess Kap, u tikkundannah ghall-piena ta’ prigunerija effettiva ta’ **disa’ xhur**.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, il-Qorti qeghda titratta mal-imputat dwar ir-reati li huwa kien instab hati taghhom permezz tas-sentenza moghtija fil-11 ta’ Frar 2008 minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, billi tikkundannah ghal piena ta’ multa ta’ seba’ mija u hamsin Euro (€750) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir mhux aktar tard minn xahar mid-data ta’ din is-sentenza. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35) jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti tordna lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ossia l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni redatta mill-espert tekniku Vincent Ciliberti, l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni redatta mill-Ispizjar Mario Mifsud (l-ammont ta’ dawn l-ispejjez ma jirrizultax mill-atti), kif ukoll l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni redatta minn PS 186 Kristian Mintoff, *Scene of the Crime Photographer*, ammontanti ghas-somma ta’ hamsa u ghoxrin Euro u wiehed u sittin centezmu (€25.61). Dawn l-ispejjez ghandhom jithallsu fi zmien sitt xhur mil-lum, b’dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u/jew l-oggetti relatati mad-droga illi jinsabu esebiti flimkien mar-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud, fil-process verbal numru 787/09, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------